Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 15 ta' Novembru 2023**
**(OR. en)**

**15473/23**

**SOC 781**
**EMPL 558**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Suġġett: | Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali<br>Ħatra tas-Sa Maaike VAN ETTEKOVEN, membru għan-Netherlands, minflok is-Sur Wiebren van DIJK, li rriżenja |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Wiebren van DIJK bħala membru tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għan-Netherlands).

2. Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) 883/2004 tad-29 ta' April 2004[1] li jistabbilixxi l-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill, waqt li bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 2020[2], il-ħatriet huma validi għal perjodu ta' ħames snin.

[1] ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.
[2] ĠU C 315 I, 23.09.2020, p. 1.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tan-Netherlands innomina lill-kandidata li ġejja biex tieħu post il-membru li rriżenja għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2025:

is-Sa Maaike VAN ETTEKOVEN
Parnassusplein 5
2511VX den Haag
P.O. Box 90801
2509 LV den Haag The Netherlands
Telefown: +31 6 54394980
*Indirizz elettroniku: MvEttekoven@minszw.nl*

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi lill-Kunsill biex:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, u

(b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru

tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-Deċiżjoni tiegħu tal-21 ta' Settembru 2020[4], il-Kunsill ħatar lill-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-perjodu li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2025.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Wiebren van DIJK, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.

(3) Il-gvern tan-Netherlands innomina kandidata għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[3] ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.
[4] ĠU C 315 I, 23.09.2020, p. 1.

<u>Artikolu 1</u>

Is-Sa Maaike VAN ETTEKOVEN hija b'dan maħtura membru tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali minflok is-Sur Wiebren van DIJK, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2025.

<u>Artikolu 2</u>

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President